MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 788/2004/1

**Atlas Insurance Agency Limited in rapprezentanza tas-socjeta` estera AXA Insurance plc kif surrogati fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha M. Demajo (Timbers) Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi**

**vs**

**MMS Limited bhala agent tal-bastiment MV Skywalker, u The Cargo Handling Company Limited jew min minnhom**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Mejju, 2006 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta April 2004 fejn intalab li l-konvenuti jew min minnhom ghandhom jigu

kkundannati jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ elf u erbgha u tmenin lira sitta u disghin centezmu (Lm1,084.96) rapprezentanti nuqqasijiet fil-merkanzija appartenenti lill-assikurat taghha oltre l-ispejjes tas-survey waqt li l-istess kienet fil-kustodja tal-konvenuti jew min minnhom liema merkanzija waslet Malta fuq il-bastiment MV SKYWALKER fl-14 ta April 2003 u liema danni gia thallsu mis-socjeta attrici ai termini tal-polza relattiva.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali dekorribbli mis-7 ta Jannar 2004 kontra l-konvenuti jew min minnhom ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta MMS Limited datata 29 ta’ April 2004 ikkontesta t-talbiet attrici in kwantu din tolqot lilha peress illi l-merkanzija kienet waslet Malta u giet mhotta kollha kemm hi minghajr ebda nuqqas. Saret riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited datata 11 ta Mejju 2005 fejn elenkat sensiela ta risposti in kontestazzjoni cioe:-

a) Il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 65 Kap 352;
b) Il-piz tal-prova dwar f’liema stadju sehhew in-nuqqasijiet jinkombu fuq is-socjeta attrici;
c) Nuqqas ta responsabbilita legali da parti tas-socjeta eccippjenta;
d) L-ammont mitlub huwa eccessiv.
e) Saret riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi din il-kawza tikkoncerna valur ta danni sofferti mill-assikurat tas-socjeta attrici meta waslitlu hawn Malta xi merkanzija nieqsa. Din il-merkanzija kienet waslet hawn Malta fuq vapur li l-agenti tieghu kienet is-socjeta

konvenuta MMS Limited filwaqt li l-istess merkanzija kienet ghaddiet minn taht idejn il-konvenuti The Cargo Handling Company Limited qabel ma giet kkonsenjata lis-socjeta klijenta ta l-attur.

Brian Valenzia u Mario Buttigieg jispjegaw kif minn 140 bundle ta’ chipboard ordnata, il-klijent ta l-attur kien gabar mill-kustodja tas-socjeta konvenuta Cargo Handling 138 bundle biss u li dan ta bidu ghal claim in kwistjoni.

Carmelo Anastaxi ghas-socjeta konvenuta MMS Ltd jinsisti li l-merkanzija kienet waslet hawn Malta u nhattet kollha fl-intier taghha cioe 140 pallet. Difatti huwa jipproduci l-bill of lading relattiva markata Dok CA 1 li tindika tghabija ta 140 pallet. Illi minn Dok CA2 rilaxxjat mis-socjeta konvenuta Cargo Handling pero esebit mill-istess xhud ghal MMS jirrizulta invece li minn 140 pallets kienu gew “short shipped” zewg pallets u ghalhekk gew konsenjati lil M Demajo Timber 138 pallet. Skond it-tally sheet prodotta mix-xhud Trevor Pullicino bhala Dok TP1 liema xhud jghid li kien gie mqabbad minn MMS Ltd biex jikkontrolla l-hatt tal-merkanzija in kwistjoni ghandu jirrizulta li minn fuq il-bastiment kienu thattew 139 pallets mhux 140 u li wahda minn dawn il-139 kienet tinsab immarkata G Vella & Sons Limited. Illi ghalhekk dan ghandu jfisser li merkanzija li thattet li kienet tinsab mmarkata u destinata ghall-assikurat tal-attur b’kollox kienet tammonta ghal 138 pallet mhux 140 jew 139. Isegwi kwindi l-fatt li s-socjeta The Cargo Handling Company Limited qatt ma rceviet f’idejha 140 pallet tal-klijent tal-attur nomine peress li minn fuq il-vapur in kwistjoni thattew 138 biss. Din l-osservazzjoni tinsab rimarkata biss bl-inka fuq l-ewwel faccata ta l-ewwel tally sheet markat Dok TP1 u dana qed jinghad peress illi meta tghodd in-numru ta pallets zbarkati destinati lil Demajo Timbers minn fuq it-tally sheets kollha esebiti dawn lanqas biss ma jammontaw ghal daqshekk.

Illi ghalkemm jidher li s-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited ma kellha ebda responsabbilita ghal tali rizultanti nuqqas fil-merkanzija stante li minn fuq il-vapur thattew 138 pallet mhux 140

pallet ghas-socjeta klijenta tal-attur nomine tajjeb li wiehed isemmi li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata ma hiex gustifikata fil-kaz in ezami peress illi d-data rilevanti tal-konsenja tal-merkanzija lil Cargo Handling kienet dik tal-15 ta April mhux 14 ta April 2003 u dana peress illi l-merkanzija ghalkemm bdiet tinhatt fl-14, spiccat fil-fatt tinhatt l-ghada cioe fil-15 ta April minn fuq il-vapur. Apparti l-kwistjoni ta dati, logikament wiehed jista biss jikkontrolla jekk il-merkanzija waslitx fl-intier o meno meta din tkun inhattet kollha u mhux qabel u inoltre jinghad ukoll li l-att ta konsenja ta merkanzija hija kkunsidrata bhala transazzjoni wahda mhux spezzettata u li kwindi ghandha tigi kkunsidrata bhala li tkun giet fil-fatt konsenjata fil-mument meta r-recivitur ikun ircieva l-ahhar “item” tal-merkanzija in kwistjoni.

Illi dwar il-valur tal-kwantum mitlub jinghad li dan jinsab soddisfacentement ipprovat permezz tad-dokumenti esebiti oltre ghall-fatt li ma ngabet ebda prova kontrarja mis-socjeta konvenuta li sollevat tali riserva.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jillibera lis-socjeta konvenuta The Cargo Handling Company Limited mill-osservanza tal-gudizzju jiddikjara li s-socjeta konvenuta MMS Lmited bhala agenti tal-bastiment MV Skywalker unikament responsabbli ghan-nuqqas ta zewg pallets konsenjati lill-assikurat tas-socjeta attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-istess socjeta konvenuta MMS Limited thallas lis-socjeta attrici s-somma kif mitluba ta elf u erbgha u tmenin lira sitta u disghin centezmu (Lm1084.96) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta dana l-avviz u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess socjeta konvenuta MMS Limited.”

Minn din is-sentenza appellaw in via principali is-socjeta` konvenuta MMS Ltd u, b’ mod incidentali, is-socjeta` assiguratrici attrici. Dawn talbu r-riforma taghha fis-sens illi, skond is-socjeta` appellanti principali, hi kellha tigi dikjarata responsabbli ghan-nuqqas ta’ palletta wahda biss, mentri skond is-socjeta` attrici, li aderiet mas-

sottomissjonijiet tas-socjeta` MMS, l-addebitu ghan-nuqqas ta’ palletta ohra kellu jigi addossat fuq is-socjeta` konvenuta The Cargo Handling Company Limited;

Ferma din ir-registrazzjoni ta’ l-aggravji principali u incidentali li ser jigu ‘l quddiem ikkonsidrati flimkien, l-azzjoni intentata hi wahda fejn is-socjeta` attrici, *qua* surrogata fid-drittijiet tas-socjeta` importatrici assigurata, qed tesegwixxi d-drittijiet taghha ghall-irkupru ta’ l-indennizz li hi hallset lis-socjeta` assigurata ghad-danni li din issubiet minn allegata inadempjenza kontrattwali, sija kontra l-vapur taht il-polza tal-kariku, sija kontra l-kuntrattur portwali fil-persuna tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited;

Kif bosta drabi ohra ritenut fi kwestjonijiet ko-involgenti nuqqasijiet jew hsarat f’ merkanzija importata bil-bahar, ir-ricerka tar-responsabilita` hi riducibbli ghall-ezami taz-zewg mumenti fokali tal-kwestjoni, jigifieri:-

1) ghal dik li hija r-responsabilita` ta’ l-armatur, il-mument meta l-merkanzija tigi skarikata minn fuq il-vapur;
2) dik relattiva ghall-kuntrattur portwali, meta l-merkanzija tigi kkonsenjata lill-importatur tramite il-Kontrollur tad-Dwana. Ara f’ dan is-sens id-decizjoni tal-Qorti ta’ l-Appell, sede Kummercjali, tal-20 ta’ April 1995 in re “**Michael Gatt *nomine* -vs- L-Avukat Philip Sciberras *nomine***”;

Di solitu, huma tlieta d-dokumenti li jinteressaw materja bhal dik hawn agitata u li jaghmlu prova tal-kwantita` tal-merkanzija u ta’ l-istat u l-kundizzjoni taghha mill-mument tat-taghbija taghha abbord il-bastiment sal-mument tar-rilaxx taghha lill-importatur. Jigifieri (a) il-Polza tal-Kariku li skond l-Artikolu 325 tal-Kodici tal-Kummerc, “taghmel prova bejn il-partijiet kollha nteressati fit-taghbija, kif ukoll bejniethom u l-assiguraturi”, (b) it-Tally Sheets ghall-prova ta’ l-iskarikazzjoni tal-merkanzija minn abbord u (c) l-Gate Pass Out ghall-prova tal-konsenja tal-merkanzija mill-kuntrattur portwali lir-ricevitur. Komplimentari ma’ dan l-

ahhar dokument hemm ir-Release Order mill-Kontrollur tad-Dwana. Tajjeb li jigi rilevat illi dawn id-dokumenti kollha, ghal dak li hu l-valur probatorju taghhom, ma jfisserx li dawn jaghmlu prova *per se* ta' xi awtenticita` assoluta in kwantu jistghu dejjem jigu attakkati permezz ta' prova kuntrarja. Huma pero` dokumenti decizivi li jorbtu lill-partijiet kollha fil-kawza. Ara "**David Curmi *nomine* -vs- Carmelo Mallia *et nomine et***", Appell Kummercjali, 6 ta' Gunju 1995;

Dan premess, fil-kaz in ezami jirrizulta skond il-Polza tal-Kariku (fol. 19) illi fuq il-vapur tghabbew 140 palletta ta' Chipboard destinati lis-socjeta` importatrici M. Demajo (Timbers) Ltd. Minn dan id-dokument huwa prezunt li l-istess numru ta' palletti kellha tigi skarikata fil-post ta' destinazzjoni. It-Tally Sheets esebiti fl-atti juru invece li gew mahtuta 139 palletta biss. Dan hu anke ammess mis-socjeta` konvenuta appellanti. Naturalment, in bazi ghal dak li ntqal, il-prova li jaghmlu it-Tally Sheets (u dan jghodd ugwalment ghad-dokumenti l-ohra portwali) hi wahda *prima facie* tal-kontenut in kwantu tirrispekkja n-numru tal-palletti li jinghad li qed jigu zbarkati. Sa hawn allura l-prova li jaghmlu dawn it-Tally Sheets u l-konfessjoni tar-rapprezentanti tas-socjeta` appellanti principali jiddemostraw illi l-vapur kien responsabbli ghan-nuqqas ta' palletta wahda mill-140 palletta originarjament karikati. Dan, s' intendi, meta l-fatti jigu kkonsidrati mill-ottika tas-socjeta` konvenuta appellanti;

Meta, invece, il-kwestjoni tigi rigwardata mill-perspettiva tal-Cargo Handling jirrizulta fuq il-bazi tal-Gate Pass Out (ara fol. 22 sa fol. 31) u tar-Release Order tad-Dwana (fol. 41) illi n-numru ta' palletti rrilaxxjati lis-socjeta` importatrici kien 138;

Ikollu jinghad, fuq il-valutazzjoni akkurata taghha tal-provi, illi din il-Qorti ma tikkondividix id-deduzzjoni li wasal ghaliha t-Tribunal. Anke jekk dan ma jghidux espressament hi skorretta l-impressjoni tieghu illi t-Tally Sheets li saru mill-agent tal-vapur kienu inattendibbli. Il-provi juru b' mod konkluziv u inkonfutibbli illi n-numru ta'

*bundles* skarikati kien 135 u mhux 138, kif hekk ghogbu jiddetermina t-Tribunal. Il-fatt li gew *tallied* 139 palletta kellu jfisser illi l-kontrattur portwali minn naha tieghu, ghall-ezenzjoni mir-responsabilita, kellu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-gudikant illi hu ma rceviex dak in-numru ta' palletti. Jigi notat illi s-socjeta` The Cargo Handling Co Ltd ma pproduciet ebda xhieda u l-Gate Pass Out u r-Release Order esebiti jiccertifikaw li gew rilaxxjati 138 palletta biss. Kif saput, meta l-merkanzija tghaddi mill-vapur fil-pussess tal-Cargo Handling sabiex tigi kkonsenjata lill-importatur f' dak l-istadju din il-kumpanija ssir id-depozitarju tal-merkanzija. Ara "**Stanley Falzon *nomine* -vs- Godwin Abela *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 6 ta' Gunju 1978 per il-kompjant Imhallef l-Onor. Imhallef George Schembri. In kwantu tali, kien mistenni minnha li tikkustodixxi l-merkanzija fdata lilha u li tikkonsenjaha fl-istat u l-kwantita kif ricevuta minnha. Dan, f' dan il-kaz, ma jidherx li hekk sar;

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ssib raguni gustifikata biex tiddisturba l-apprezzament tat-Tribunal u l-konkluzjoni minnu raggunta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' kemm l-appell principali kif ukoll l-appell incidentali u b' hekk tghaddi biex tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi z-zewg socjetajiet konvenuti ghandhom jitqiesu responsabbli ghan-nuqqas ta' palletta kull wahda minnhom. Konsegwentement qed tikkundanna liz-zewg socjetajiet konvenuti jhallsu separatament lis-socjeta` assiguratrici attrici, is-somma ta' hames mija tnejn u erbghin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm542.48) kull wahda minnhom, ammontanti komplessivament ghall-import reklamat fl-avviz, bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez gudizzjarji ta' din l-istanza kemm ta' l-appell principali u dak incidentali jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellata The Cargo Handling Company Limited. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi mit-Tribunal b' dan illi ghall-fini tat-tassazzjoni l-valur ghandu jkun dak ta' hames mija tnejn u erbghin lira Maltija, tmienja u sebghin centezmu (Lm542.48).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------